MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 1116/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Massimiliano Maurizio**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimiliano Massimo ta’ 45 sena bin Giovanni u Luigi nee Dellicolli, imwieled l-Itlaja fit-28 ta’ Novembru 1964 u joqgħod 3 Triq l-Ispiżjar Sciberras l-Imsida u għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 11464(A)

Akkużat talli nhar is-6 ta’ Diċembru 2004 għall-ħabta tal-3.50 am ġewwa Triq Dun Gejtanu Mannarino u f’inħawi oħra f’Malta

1. Bil-ħsieb li jsiraq vettura tal-marka Mercedez bin-numru tar-reġistrazzjoni ALX 190 u steroe/apparat tal-hi fi għad-dannu ta' Karl Jude Bonett u terzi persuni oħra billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema serq huwa aggravat bil-valur ta' iżjed minn elf lira Maltija, bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli meta għamel ħsara fil-vettura tal-marka Mercedez bin-numri tar-reġistrazzjoni ALX 190 u dan għad-dannu ta' Karl Jude Bonett / u terzi persuni oħra liema ħsara ma teċċedix il-Lm500 imma iżjed minn Lm50;

3. U aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, id-dokuemnt KF1 li juri l-ammont tal-ħsarat, is-setnenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur J Cilia) versus Maurizio Massimiliano tat-13 ta' Novembru 2003 (fol 13 u 39), il-current incident report (fol 17), is-sentenza tal-11 ta' Frar 2004 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano' fejn il-Qorti bagħtet lura l-attti lill-Qorti tal-Maġistrati (fol 41), is-sentenza 'Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano' tla-1 t'April 2003 (fol 44), is-sentenza tad-29 ta' Lulju 1999 'Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano' (fol 50), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol 64) li inqraw fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008 u d-dikjarazzjoni li biha d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tas-sentenza. (fol 72).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekutur.

Ikkunsidrat

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-6 ta' Diċembru, 2004 is-Sur Karl Jude Bonett u Charles Bonett kienu sabu lill-imputat fil-karozza tagħhom AXL 190 Mercedes Benz. L-imputat ittieħed l-għassa fejn verbalment ammetta mal-Prosekutur li ried jisraq l-istereo. Ma setgħetx tittieħed stqarrija bil-miktub minħabba li l-imputat beda jagħmel sinjali li hu ma jiflaħx. Kien ammetta wkoll li kisser il-ħġieġa. L-imputat inżamm fl-Isptar Monte Carmeli.

PS 564 Jeffrey Schembri kien mar fuq il-post u sab żewġ persuni li kienu qed iżommu lill-imputat li allegatament kien qed jipprova jisraqhom minn ġol-karozza tagħhom. Il-karozza kellha l-quarter window tan-naġa tal-passiġġier imkissra. Charles Bonett kien ikkonferma li l-karozza kienet imsakkra.

Karl Bonett xehed ikkonferma li l-vettura ALX 190 kienet tiegħu. Missieru kien qallu li sema' l-ħġieġ jinkiser. Malli niżel kein ra lill-imputat jipprova jaħrab. Huwa kien sab diversi ħsarat fosthom girfa fuq il-mudguard, il-quarter window tan-naħa ta' wara tal-passiġġier imkissra. Skodn l-istima l-ħsara kienet madwar L60 + VAT (Lm70.80).

Charles Bonett xehed li fis-6 ta' Diċembru 2004 għall-ħabtat ta' xi 3.40am. huwa kien qam meta sema' l-ħġieġ jinkiser. Kien hemm raġel iqalleb fil-glove compartment. Qajjem lil ibnu Karl biex jaraw min kien fil-karozza. L-imputat ipprova jaħrab iżda huma żammewh.

L-Ispettur Kevin Farrugia esbixxa numru ta' sentenzi għall-prova tar-reċidiva.

L-Ispettur Nevilel Xuereb ikkonferma l-identita' tal-imputat fis-sentenza mogħtija fl-1 t'April 2003.

L-Ex-Spettur David Saliba kkonferma l-identita' tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr Jacqueline Padovani Grima (fol 73).

Xehdet is-senior clinical psychologist Joan Camilleri li qalet li fiż-żmien bejn Jannar u Ġunju 2006 l-imputat kien

daħal is-SATU u kien mexa sew fil-programm. (fol 69) Iżda f'mument minnhom reġa' nstab pożittiv u ntbagħat lura l-Ħabs. (fol 70). Huwa pprova jifhem il-problemi li għaddej minnhom.

Xehed ukoll l-imputat li qal li fiż-żmien imsemmi huwa kellu problema tad-droga. Huwa kien ra karozza u ipprova jisraq l-istereo. (fol 83) Meta sabuh is-sinjuri Bonett kien qed ifittex il-faċċata tal-istereo. Dak in-nhar huwa kellu tornavit u mus żgħir fuqu. Huwa nnega li kien ser jaqta' l-wires tal-karozza u jaqbeż l-ignition. (fol 83)

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jirriżulta mill-atti li l-imputat kien qal lill-Ispettur Kevin Farrugia li hu ried jisraq l-istereo. Dan intqal mill-ewwel direttament lill-Ispettur. L-imputat reġa' kkonferma dan kollu meta xehed bil-ġurament. Huwa nnega wkoll li ipprova jaqta' l-wires biex ikun jaqbeż l-ignition key. Mill-provi ma hemmx prova li l-imputat ipprova jisraq il-karozza minkejja li kien ġo fiha u l-verżjonijiet mogħtija mill-imputat huma attendibbli.

Il-Qorti qed tikkonkludi li dan kien tentattiv ta' serq ta' stereo mill-karozza ALX-190 tal-marka Mercedez iżda mhux tal-karozza nnifisha. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' tentattiv ta' serq ta' stereo biss. Stante li ma nġabet ebda prova ta' kemm jiswa l-istereo, il-Qorti mhix qed issib lill-imputat ħati tal-gravanti tal-ammont, iżda qed issibu ħati tal-gravanti tal-ħin u tax-xorta tal-ħaġa misruqa iżda mhux tal-mezz għaliex l-Avukat Ġenerali ma semma la l-artikolu 263 u lanqas l-artikolu 261(b).

It-tieni imputazzjoni hija ippruvata mix-xhieda mogħtija minn sid u missier is-sid tal-karozza li semgħu t-tkissir u mis-sejbien tal-imputat propju fuq il-post u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għax it-tkissir kien mezz għall-fini.

It-tielet imputazzjoni, jew aħjar l-addebitu tar-reċidiva huwa ppruvat soddisfaċentement mis-sentenzi esibiti senjatament dik tal-Qorti al-Appell Kirminali (fol 39) li kienet pinea ta' sitt xhur priġunerija u li ma kinux għaddew ħames snin minn tmiem il-perjodu tas-sentenza kif ukoll dik mogħtija fl-1 t'April, 2003 (a fol 44) li kellha piena ta' sentejn priġunerija.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat 17(h), 41(1)(a), 261(c)(e)(f)(g), 267, 270, 279(b), 280, 281, 289, 325(a), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 (tal-Kodiċi Kriminali) issib l-imputat (a) dwar l-ewwel imputazzjoni ħati ta' tentattiv ta' serq stereo biss bil-gravanti tal-ħin u tax-xorta tal-ħaġa misruqa u mhux tal-mezz stante li l-Avukat Ġenerali la semma l-artikolu 261(b) u lanqas l-artikolu 263 u qed tilliberah mill-gravanti tal-ammont waqt li qed tilliberah ukoll minn dik il-parti tal-imputazzjoni dwar it-tentattiv ta' serq tal-vettura tal-marka Mercedz bin-numru tar-reġistrazzjoni ALX 190 u bil-gravanti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-parti tal-imputazzjoni, jiġifieri bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; (b) qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li l-ammont għandu jkun meqjus bħala €164.96 (Lm70.80) iżda li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni skond ġurisprudenza kostanti; u (ċ) qed issibu ħati tat-tielet imputazzjoni jew tal-addebitu tar-reċidiva. Wara li qieset il-progress li għamel l-imputat qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' għaxar xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------